Nru. 17,683
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 25 ta' Novembru, 2004
Thursday, 25th November, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2004 Nru. XIV

Anno Domini 2004 No. XIV

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Edward Fenech Adami
President

BILLI bis-saħħa ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li ġa' hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dak in-nhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħed b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jimplimenta diversi miżuri ta' l-Estimi u miżuri amministrattivi oħra u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' dazji ġodda u ż-żieda ta' dazji eżistenti ġie mogħti mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 24 ta' Novembru, 2004.

B'Awtorità,

(Iff.) Laurence Gonzi
Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Edward Fenech Adami
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to implement various Budget measures and other administrative measures and having as its object the imposition of new duties and the increase of existing duties, has been given by the Prime Minister and Minister of Finance to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at the Palace, Valletta, this 24th day of November, 2004.

By Authority,

(Sd.) Laurence Gonzi
Prime Minister and Minister of Finance

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 1231

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tlieta, it-23 ta' Novembru, 2004, għall-Kunsill Lokali ta' Gżira, biex jimtela l-post li tbattal mis-Sinjura Barbara Rose Buttigieg, huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

RUTTER VICTOR PIO

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-25 ta' Novembru, 2004

GOVERNMENT NOTICE

No. 1231

LOCAL COUNCILS ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Tuesday, 23rd November, 2004, for the Local Council of Gżira, to fill the post vacated by Ms Barbara Rose Buttigieg, is that whose name is shown hereunder:–

RUTTER VICTOR PIO

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

25th November, 2004

L-OGĦLA PREZZIJIET TA' SIGARETTI

Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3

Ordni Nru. 5

Id-Direttur Ġenerali tal-Kummerċ jgħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom sigaretti magħmulin lokalment jistgħu jinbiegħu għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:–

MAXIMUM PRICES OF CIGARETTES

Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3

Order No. 5

The Director General (Commerce) notifies that the maximum prices at which locally made cigarettes may be sold shall, until further Order, be as follows:–

Qies	Dazju kull pakkett	Lill-Bejjiegħ bl-Ingrossa kull 1000 sigarett	Lill-Bejjiegħ bl-Imnut kull 200 sigarett	Lill-Konsumatur kull pakkett ta' 20
Size	*Excise duty per packet*	*To whole saler per 1000 cigarettes*	*To Retailer per 200 cigarettes*	*To consumer per packet of 20*
	Lm	Lm	Lm	Lm
72 mm (Normali/*Normal*)	0.86c6	67.49c0	13.66c5	1.40c0
84mm (Kbar/*Kingsize*)	0.94c3	74.37c9	15.06c7	1.55c0

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

Il-25 ta' Novembru, 2004

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

25th November, 2004

REĠISTRU PUBBLIKU

Bis-saħħa tar-regolament 6A tar-Regolamenti dwar il-Kompjuterizzazzjoni, Spezzjoni u Riċerki fir-Reġistru Pubbliku, l-Aġent Direttur, Reġistru Pubbliku jgħarraf illi in kwantu għal perijodu bejn it-Tnejn, is-27 ta' Diċembru 2004 u l-Ġimgħa, il-31 ta' Diċembru 2004 (iż-żewġ dati inklużi), il-perijodi ta' ħin imsemmija fis-subregolament (5) tar-regolament 6, jistgħu jibdew jiddikorru mill-ewwel ġurnata ta' xogħol li tiġi wara dan il-perjodu speċjali.

Jgħarraf iżda, li l-perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 dwar il-kanċellament ta' applikazzjoni xorta jibqa' jiddekorri.

Il-25 ta' Novembru, 2004

PUBLIC REGISTRY

By virtue of rule 6A of the Public Registry (Computerisation, Inspection and Searches) Regulations, the Acting Director, Public Registry notifies that during the period between Monday, 27th December 2004 and Friday, 31st December 2004 (both dates included), the time periods mentioned in subregulation (5) or regulation 6, may commence from the first working day following the said special period.

Moreover, he notifies that the twenty four hour period mentioned in subregulation (4) of regulation 5 shall likewise so commence.

25th November, 2004

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi minn nhar it-Tnejn, id-29 ta' Novembru 2004 sa nhar is-Sibt l-4 ta' Diċembru 2004, Triq il-Kbira bejn il-kantuniera ma' Triq il-Parroċċa u kantuniera ma' Triq l-Irdum u Triq il-Maddalena bejn ir-*roundabout* ta' fejn iċ-Ċimiterju sa Triq il-Kbira se jkunu magħluqa għat-traffiku, waqt li jkunu jsiru xogħlijiet konnessi ma' asfaltar ta' toroq.

Il-25 ta' Novembru, 2004

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that from Monday, 29th November 2004 to Saturday 4th December 2004, Triq il-Kbira between corner with Triq il-Parroċċa and corner with Triq l-Irdum and Triq il-Maddalena between the roundabout next to the Cemetry to Triq il-Kbira will be closed to traffic while asphalting works are being carried out.

25th November, 2004

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Sliema jgħarraf lill-pubbliku li nhar il-Ħadd, it-28 ta' Novembru 2004 mis-7.30 a.m. sal-5.00 p.m. ma jistax isir parkeġġ fi Triq it-Torri (in-naħa tal-Magic Kiosk) u Triq Bisazza minħabba l-armar għall-festi tal-Milied.

Il-karozzi li jibqgħu pparkjati jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Novembru, 2004

SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Sliema Local Council notifies the public that on Sunday, 28th November 2004 from 7.30 a.m. to 5.00 p.m no parking is allowed at Triq it-Torri (part of Magic Kiosk) and Triq Bisazza in connection with Christmas decorations.

Parked cars are subject to towing.

25th November, 2004

AWTORITÀ GĦAL SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA

L-Awtorità tgħarraf lill-pubbliku ġenerali biċ-ċessjoni tal-liċenza ta' Ivan Burridge Stockbroking Limited (il-'Kumpannija'), fuq talba magħmula mid-Diretturi tal-Kumpannija lill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji ('MFSA') biex taċċetta ċ-ċessjoni tal-liċenza Kategorija Numru 2 għal servizzi ta' investiment. L-MFSA aċċettat it-talba tal-Kumpanija. Għaldaqstant, il-Kumpannija mhix se tibqa' liċenzati mill-MFSA b'seħħ mit-12 ta' Novembru, 2004.

Il-25 ta' Novembru, 2004

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

This notice is to make the general public aware that Ivan Burridge Stockbroking Limited ('the Company') has recently requested the Malta Financial Services Authority ('the MFSA') to accept surrender of its Category 2 investment services licence. The MFSA has accepted the company's request. Accordingly, with effect from 12th November, 2004, the Company ceased to be licensed by the MFSA.

25th November, 2004

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2003 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Acts of Parliament passed during 2003 (in print form)	Lm 8.00c
Annual Reports of Government Departments – 2003	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Diskors tal-*Budget* 2004	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2004	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2004	Lm31.18c
Estimates 2004	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices 2003 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Broadcasting Policy	no charge
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2003	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2003	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*